# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Gunju, 2018.**

**Rikors Numru 16/2018 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs.**

**Martin John Easby**
**(K.I. numru 48076 (A))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu, il-bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kkonceda facilitajiet bankarji lill-intimat permezz ta' skrittura privata datata s-6 ta' Jannar, 2009, (ara foll 5);

1.2. Illi hu kreditur tal-intimat fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf u wiehed u disghin euro u sitta u sittin centezmu, (€26,091.66), bilanc mill-"*Loan Accounts*" tal-intimat mal-bank rikorrenti, (ara foll 10 u 11), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 t'Ottubru, 2017, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq riferita kif indikat ukoll fl-istess rikors promotur;

1.4. Illi ghalkemm gie debitament interpellat biex ihallas id-debitu tieghu, baqa' inadempjenti, (ara foll 12);

1.5. Illi ghalhekk il-bank rikorrenti kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fl-imsemmija skrittura fuq riferita;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' €26,091.66, bilanc mill-"*Loan Accounts*" tieghu fuq riferiti, flimkien mall-imghaxijiet ulterjuri dovuti mis-26 t'Ottubru, 2017, sad-data tal-pagament effettiv;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu appuntat ir-rikors *de quo* ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 20);

3. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-bank intimat datat il-25 t'April, 2018, li permezz tieghu jirrizulta li l-intimat gie debitament notifikat kemm bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh permezz tal-pubblikazzjoni, (ara foll 40 u 49), u li ghalhekk, l-intimat jinsab fi stat ta' kontumacja;

4. Semghet lix-xhud prodotta;

5.0. Rat id-digriet taghha datat il-25 t'April, 2018, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, (ara foll 49):

5.1. Iddifferiet il-kawza ghas-sentenza fid-data hemm indikata;

5.2. Ordnat lill-intimat biex jipprezenta s-sottomissjonijiet skritti tieghu fir-rigward skont il-ligi sat-18 ta' Mejju, 2018;

Ikkunsidrat:

6. Illi r-rapprezentanti tal-bank rikorrenti rrikonfermant il-fatti kif gia` esposti fir-rikors guramentat promotur;

Ikkunsidrat:

7. Illi *stante* li l-intimat jirrizulta li hu fi stat ta' kontumacja assoluta, l-fatti hekk esposti mir-rapprezentanti tal-bank rikorrenti ma sabu l-ebda tezi kontradittorja ghalihom;

8.0. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fl-iskrittura privata datata s-6 ta' Jannar, 2009, fuq riferita;

8.2. Tikundanna ghalhek lill-intimat biex ihallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' €26,091.66, bilanc mill-"*Loan Accounts*" tal-intimat fuq riferiti, flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri minnu dovuti mis-26 t'Ottubru, 2017, sad-data tal-pagament effettiv;

8.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmi intimat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**